MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 276/1998/1

Damian Iwueke
In rappreżentanza tas-soċjeta' estera
Trans-Afrique Sports International Limited.

vs

Marcel Bonnici bħala Segretarju,
U b'degriet tad-9 ta' April, 1999 l-isem Marcel Bonnici
Ġie sostitwit bl-isem Jevon Attard,
U b'degriet tal-31 ta' Awissu 2009 l-isem Jevon Attard
Gie sostitwit bl-isem Joseph Attard;

U Carmel Xerri, bħala President,
U li b'degriet tad-9 ta' April 1999, l-isem Carmel Xerri
Ġie sostitwit bl-isem Carmel Camilleri,
U b'degriet tal-31 ta' Awissu, 2009 l-isem Carmel Camilleri
Ġie sostitwit bl-isem Jeffrey Farrugia,
Għan-nom u in rappreżentanza tax-
Xewkija Tigers Football Club.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur nomine, wara li ppremetta illi:

Illi permezz ta' kitba privata datata wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) il-partijiet ftehmu dwar l-ingaġġ mix-Xewkija Tigers Football Club ta' Bede Chukwama Onyia ta' nazzjonalita' Niġerjana bħala player professjonali ma' l-istess Club konvenut (Dok A).

Peress illi skond l-artikolu sebgħa (7) ta' dak il-ftehim ġie pattwit li:

*Should Xewkija Tigers FC for any reason whatsoever refuse to give the player his FREE RELEASE at the end of 1997/98 fooball season, that is, within 7 days after 25th May 1998, then*
*The club is committed to pay TASI Ltd. Through Mr. Iwueke a transfer fee of Lm10,000 (ten thousand Maltese liri) to retain the services of the player. However, with this payment, it would then be considered that the club has finally bought the right over the player from TASI Ltd. And would henceforth negotiate the player's transfer to another club.*

Illi effettivament fi tmiem l-istaġun tal-football tas-sena msemmija avverat ruħha l-kundizzjoni sospensiva kif indikat fl-artikolu fuq imsemmi u għalhekk il-kumpens hemm pattwit sar dovut.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-club konvenut naqas li jaddivjeni għall-ħlas miftiehem.

Talab lill-konvenuti nomine jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li stante li seħħet il-kundizzjoni sospensiva stabbilita fl-artikolu sebgħa (7) tal-kitba

msemmija hija dovuta mill-club konvenut lill-attur nomine s-somma ta' għaxart elef lira Maltija (Lm10,000).

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti nimine sabiex iħallsu lill-attur nomine din is-somma.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru u ta' l-ittra uffiċ jali spedita fl-istess ismijiet fis-17 ta' Diċembru 1998.
Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine, konfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eċċepew illi:

1. Illi preliminarjament il-konvenuti jeċċepixxu n-nullita' taċ-ċitazzjoni stante illi Marcel Bonnici u Carmel Xerri mhumiex il-President u s-Segretarju ta' Xewkija Tigers Football Club;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-attur nimine jrid jipprova l-mandat li għandu minn għand s-soċjeta' estera Trans-Afrique Sports International limited kif ukoll l-eżistenza tal-istess soċjeta' u r-reġistrazzjoni tal-istess soċjeta';

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi s-soċjeta' attriċi ma wettqitx l-obbligazzjonijiet minnha assunti fl-iskrittura tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 1998. Is-soċjeta' attriċi jew Damian Iwueke kienu obbligati li jġibu l-clearance internazzjonali tal-player Bede Chukwama Onyia liema release internazzjonali baqa' qatt ma wasal;

4. Illi biex dan il-player seta' jilgħab ma' Xewkija Tigers Football Club; il-Club konvenut kellu jġib il-clearance internazzjonali mill-F.I.F.A (Federazzjoni Internazzjonali tal-Football) permezz ta' regoamenti li

jirregolaw każijiet ta’ players li wara li l-Assoċjazzjoni tal-pajjiż fejn iridu jilgħabu titlob dan il-clearance lill-Assoċjazzjoni tal-pajjiż minn fejn ikunu ġejjin din il-clearance minn pajjiżhom tibqa’ ma tasalx sa ċertu żmien. Minn dan jirriżulta li l-atturi qatt ma kienu l-proprjetarji ta’ dan il-player u għalhekk ma setgħu qatt jinnegozjawh;

5. Illi meta dan il-player iffirma l-kuntratt ma’ Xewkija Tigers F.C. huwa ffirma kuntratt għal sentejn u ffirma bħala “free agent”. Oltre dan il-player dejjem ċaħad illi huwa kellu b’xi mod x’jaqsam mas-soċjeta attriċi jew mar-rappreżentant tagħha;

6. Illi mingħajr preġudizzju għal premess jiġi eċċepit illi illum l-player ma għadux reġistrat ma’ Xewkija Tigers Football Club;

7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti nomine kkonfermata bil-ġurament ta' Carmel Camilleri.

Rat il-verbal tal-legali tal-konvenuti nomine tad-9 ta' April 1999 li biha rtira l-ewwel eċċezzjoni tal-patroċinati tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Marzu 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur nomine qed jitlob li tiġi attwata l-klawsola numru sebgħa (7) fi ftehim li kien ġie ffirmat mill-kontendenti fil-31 ta' Jannar 1998,[1] u li permezz tiegħu x-Xewkija Tigers Football Club kellu jħallas lis-soċjeta' rappreżentata minnu s-somma ta'

[1] Dok. A anness maċ-ċitazzjoni a fol. 5 – 6 .

għaxart elef lira maltija (Lm10,000), f'każ illi l-istess Club jirrifjuta li jagħti r-*release* lill-*player* barrani *non-amateur* Bede Chukwama Onyia ta' nazzjonalita' niġerjana, fl-għeluq tal-perijodu ta' staġun kalċistiku wieħed li għalih kien ġie ngaġġat magħhom skond l-istess ftehim. Ir-rappreżentanti tal-Club qed jiċħdu li għandhom iħallsu lill-attur nomine dawn il-flus għax jikkontendu illi huma qatt ma żammew lill-imsemmi *player* milli jmur ma xi *club* ieħor fl-għeluq tal-perijodu li għalih kien ikkuntrattat, anzi l-*free release* tiegħu kienet waħda awtomatika, kif jistipulaw ukoll ir-regolamenti tal-Gozo Football Association li magħha huwa affiljat l-istess Club. Jinsistu anzi illi dan il-*player* baqa' jilgħab magħhom għal xi ftit xhur oħra fl-istaġun sussegwenti, fuq insistenza tiegħu u ta' l-istess Damien Iwueke, peress illi ma seta' jinstab ebda *club* ieħor li kien lest jingaġġah miegħu wara li kien skada il-perijodu li għalih kien ikkuntrattat magħhom.

Qabel ma jiġi nvestigat il-mertu ta' din il-kwstjoni, jenħtieġ pero' li jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari mqajjma mill-konvenuti nomine. L-ewwel waħda dwar ir-rappreżentanza tal-Club ġiet irtirata wara li saret korrezzjoni fl-okkju tal-kawża fl-ewwel udjenza li għaliha kienet appuntata din il-kawża.[2] It-tieni waħda tittratta l-prova tal-mandat li l-attur nomine jgħid li għandu tas-soċjeta' estera msemmija fiċ-ċitazzjoni, u l-eżistenza ta' l-istess soċjeta'. Dwar il-mandat tiegħu l-attur nomine esebixxa prokura rilaxxjata lilu mill-azzjonisti ta' din il-kumpanija estera fit-30 ta' Lulju 1996.[3] Dwar l-eżistenza tal-kumpanija minnu rappreżentata esebixxa kopja tal-Memorandum u Articles of Association ta' din il-kumpanija, wara li wera l-oriġinali lill-Qorti seduta stante.[4] Il-konvenuti nomine fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom jitfgħu dubbju dwar l-ammissibilita' ta' dawn id-dokumenti għaliex ma ġewx awtentikati skond il-liġi mill-uffiċċju inkarigat fin-Niġeria minn fejn emanew. Il-Qorti pero' hija tal-fehma illi ġialadarba ir-rappreżentanti tax-Xewkija Tigers Football Club aċċettaw minn jeddhom illi

[2] ara verbal ta' l-udjenza tad-9.04.1999 a fol. 16 - 17 tal-proċess .
[3] Dok. DI 1 a fol. 27 .
[4] Dok. DI 2 a fol. 28 - 44 tal-proċess; ara wkoll verbal ta' l-udjenza ta' l-4.02.2003 .

jikkuntrattaw ma' l-attur nomine fil-kwalita' tiegħu premessa meta ffirmaw il-ftehim *de quo*, u dakinhar ma qajjmu ebda dubbji dwar l-eżistenza tal-kumpanija u l-mandat tar-rappreżentant tagħha, ma jistgħux issa jipprovaw jaħarbu mill-obbligazzjonijiet minnhom assunti b'dak il-ftehim sempliċement għal din ir-raġuni. Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda.

Fil-mertu mbagħad insibu lill-attur nomine jinsisti illi jitħallas l-ammont indikat fiċ-ċitazzjoni għax allegatament il-Club li miegħu ġie kuntrattat għal staġun wieħed il-*player* niġerjan imsemmi ma ngħatax il-*free release* fl-iskadenza ta' dak il-perijodu. Il-klawsola li fuqha l-attur nomine qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu taqra testwalment:

"***Should Xewkija Tigers FC for any reason, refuse to give the player his FREE RELEASE at the end of 1997-98 football season, that is, within 7 days after 25th May 1998, then the club is committed to pay TASI Ltd. through Mr. Iwueke, a transfer fee of LM10,000 (Ten Thousand Maltese Liri) to retain the services of the player. However, with this payment, it would then be considered that the club has finally bought the right over the player from TASI Ltd. and could henceforth negotiate the player's transfer to another club***." [5]

Irriżulta mill-provi prodotti illi d-diriġenti tax-Xewkija Tigers Football Club jammettu illi wara l-għeluq ta' l-ewwel staġun li għalih kien ġie ikkuntrattat magħhom il-*player* Bede Chukwuma Onyia, dan reġa' lagħab magħhom għal ftit xhur oħra fl-istaġun sussegwenti. Huma pero' jinsistu illi dan ġara mhux għax dan il-*player* ma nghatax minnufih il-*free release* minn għandhom, kif kien stipulat fil-kuntratt imsemmi wara li kien skada l-istaġun kalċistiku 1997-1998, imma għax kienu l-istess *player* u l-attur nomine infushom li talbuhom biex jerġgħu jilgħabuh magħhom sakemm jinstab xi *club* ieħor li kien lest jaċċetta s-servizzi tiegħu. Ikomplu jsostnu illi tant huwa kienu tawh il-*free release*, illi hekk kif Bede wera x-xewqa li jitlaq f'nofs dan

[5] ara skrittura Dok. A a fol. 5 .

l-istaġun sussegwenti, huma aċċettaw mill-ewwel li jirrilaxxjawh, kif fil-fatt għamlu.

Is-segretarju tal-Gozo Football Association li magħha huwa affiljat il-Club rappreżentat mill-konvenuti nomine wkoll ikkonferma illi dan il-*player* barrani skond ir-regolamenti ta' l-istess Association bilfors kellu jiġi awtomatikament kkunsidrat illi ingħata l-*free release* mill-*club* li miegħu kien ingaġġat, wara staġun wieħed, għax l-istess regolamenti ma kienux jippermettu li *player* barrani jibqa' ingaġġat għal iktar minn dak l-istaġun.[6]

Il-*player* konċernat baqa' qatt ma xehed biex jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti akkaduti, u l-attur nomine, għalkemm baqa' jinsisti illi l-Club kien naqas milli josserva l-kundizzjoni stipulata fil-kwalsola sebgħa (7) tal-kuntratt in kwistjoni, qatt ma ċaħad dak li xehed Marcel Bonnici, wieħed mid-diriġenti tal-Club dwar dak li kien verament ġara. L-istess attur baqa' lanqas spjega kif kellha tingħata din il-*free release* u jekk kienx hemm xi proċedura partikolari li kellha tiġi segwita. Fuq kollox baqa' qatt ma ġab l-iċken prova illi fil-fatt il-konvenuti nomine kienu rrifjutaw li jagħtu din il-*free release* lil dan il-player barrani, jew li s-soċjeta' minnu rappreżentata kienet tilfet xi okkażżjoni li tinnegozja t-*tranfser* ta' dan il-*player* ma' xi *club* ieħor minħabba li x-Xewkija Tigers Football Club irrifjuta li jagħtih dan il-*free release*.

F'tali ċirkostanzi allura, fejn l-attur nomine naqas milli jipprova b'mod sodisfaċenti dak allegat minnu fir-rigward tal-klawsola sebgha (7) fl-iskrittura tal-31 ta' Jannar 1998, li fuqha huwa bbażza l-pretensjoni tiegħu, it-talbiet preżenti ma jistgħux jiġu aċċetati.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---

[6] ara depożizzjoni ta' Alvin Grech a fol. 117 - 122 .

---------------------------------TMIEM---------------------------------